



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-2 ta' Ottubru 2020

Il-bidliet proposti għall-mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili għandhom jiġu ffinalizzati b'attenzjoni

Skont Opinjoni li ġiet ippubblikata illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-proposta reċenti dwar l-emendar tal-“mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili” tal-UE teħtieġ aktar kjarifika. B'mod partikolari, għad irid jiġi deċiż kif ir-riżorsi miżjuda tagħha se jintużaw u jiġu mmonitorjati. L-awdituri jwissu li, filwaqt li huwa essenzjali li titthaffef ir-reazzjoni tal-UE għall-kriżijiet, il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-obbligu ta' rendikont iridu jipprevalu.

Fis-26 ta' Marzu 2020, il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-reazzjoni tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19. Sussegwentement, huwa stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel proposti sabiex tiġi stabbilita “sistema ta' ġestjoni tal-kriżijiet aktar ambizzjuża u estensiva” fl-UE. B'kont meħud ta' dan, f'inqas minn xahrejn il-Kummissjoni pproponiet li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM - Union Civil Protection Mechanism) jiġi emendat. L-għan kumplessiv ta' din il-proposta leġislattiva huwa li tiżgura li l-UE tkun tista' ttipprovdi appoġġ aħjar f'każ ta' kriżi u ta' emerġenza liċ-ċittadini tagħha fl-Ewropa u barra minnha.

“Fihom infushom, il-kriżijiet huma imprevedibbli. Minkejja dan, il-pandemija tal-COVID-19 kienet indikazzjoni qawwija tal-ħtieġa assoluta li l-UE tkun imħejjija aħjar u kapaċi tirreaġixxi b'ħeffa,” qal Leo Brincat, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-Opinjoni. *“Il-proposta reċenti li temenda l-UCPM hija pass 'il quddiem f'dak ir-rigward. Iżda meta tistabbilixxi r-reazzjoni futura tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tħallatx il-ħeffa mal-għaġla.”*

Il-proposta tal-Kummissjoni tagħti spinta lill-kapaċitajiet baġitarji tal-UCPM, minn EUR 1.4 biljun għal EUR 3.5 biljun għall-perjodu 2021-2027, biex tgħin lill-mekkaniżmu jadotta responsabbiltajiet ġodda, bħall-ħolqien ta' riżervi strateġiċi ta' tagħmir mediku, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika, jew l-iffurmar ta' timijiet mediċi ta' emerġenza. Madankollu, l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għan-nuqqas ta' valutazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet. Fil-proposta, ftit li xejn hemm evidenza tal-ħtieġa għal din iż-żieda ta' EUR 2 biljun fil-baġit, billi ma ttiprovdi l-ebda stima tal-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-opinjoni maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-opinjoni sħiħa tinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

ispejjeż assoċjati ma' dawk il-kompiti ġodda. Minħabba dan, huwa impossibbli li jiġi ddeterminat jekk il-baġit propost huwix xieraq biex jintlaħqu l-oġġettivi intenzjonati.

Barra minn hekk, xi wħud mill-oġġettivi l-ġodda li ġew proposti huma nieqsa minn kwalunkwe indikatur tal-prestazzjoni korrispondenti jew minn monitoraġġ speċifiku. Il-proposta ma għadhiex tiggarrantixxi sehem minimu ta' nfiq għal kull wieħed mill-pilastri strateġiċi ewlenin tal-istrateġija ta' reazzjoni tal-UE f'każ ta' kriżi (prevenzjoni, stat ta' tnejn, u reazzjoni). Għalhekk, l-awdituri jqisu li jkun ta' għajjnuna jekk mekkaniżmu għar-rappurtar tal-infiq reali tal-UCPM jiġi inkluż għal kull wieħed minn dawn il-pilastri.

Rigward ir-regoli dwar l-akkwist, l-awdituri jilqgħu l-emendi li ġew proposti. Il-leġiżlazzjoni attwali dwar il-proċeduri ta' akkwist konġunt għandha ċerti limitazzjonijiet inerenti, kif intwera reċentement matul il-kriżi tal-COVID-19: l-ewwel proċedura tnediet biss erba' ġimgħat wara l-ewwel każijiet ikkonfermati. Minbarra dan, skont ir-regoli dwar l-akkwist konġunt, għalkemm il-Kummissjoni hija responsabbli milli tiffirma l-kuntratt qafas, huma biss l-Istati Membri li jistgħu jixtru t-tagħmir direttament. Skont il-proposta, il-Kummissjoni se tkun tista' tidħol għall-akkwist direttament sabiex taqdi rwol aktar awtonomu fil-proċess. Skont l-awdituri, b'hekk l-UE tkun tista' tirreaġixxi aktar malajr filwaqt li tnaqqas il-piż li hemm fuq l-Istati Membri. Bl-istess mod, il-proposta tal-Kummissjoni biex tintuża ġestjoni indiretta, b'żieda mal-ġestjoni diretta, għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UCPM għandha l-potenzjal ukoll li żżid il-flessibbiltà tar-reazzjoni tal-UE f'każ ta' kriżi.

Noti lill-EDITURI

L-Istati Membri tal-UE għad għandhom ir-responsabbiltà primarja ta' prevenzjoni, tnejn u reazzjoni għal diżastri u kriżijiet fit-territorju tagħhom. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea taqdi rwol ta' appoġġ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Dan ifisser li tittieħed xi azzjoni f'dan il-qasam fil-livell tal-UE, u li l-UE stess se taqdi rwol aktar prominenti fir-reazzjoni għal theddidiet futuri għas-saħħa.

L-UCPM ġie stabbilit fl-2013 biex itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati parteċipanti bil-ħsieb ta' prevenzjoni, tnejn u reazzjoni aktar effettivi għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. Kwalunkwe pajjiż fid-dinja jista' jitlob assistenza fi ħdan il-qafas tal-UCPM.

Din l-opinjoni dwar l-UCPM tikkomplementa opinjonijiet oħra li l-QEA ppubblikat reċentement dwar il-flessibbiltà eċċezzjonali fl-użu tal-[Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej](#), dwar ir-[REACT-EU](#) u r-[Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni](#), dwar il-[Fond għal Tranżizzjoni Ġusta](#) u l-[Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta](#), kif ukoll dwar il-[Faċilità għall-Irkupru](#) u r-[Reżiljenza](#).

Il-QEA tikkontribwixxi għat-titjib tal-governanza finanzjarja tal-UE billi tippubblika opinjonijiet dwar proposti għal leġiżlazzjoni ġdida jew riveduta b'impatt finanzjarju. Dawn l-opinjonijiet jipprovdu valutazzjoni indipendenti tal-proposti leġiżlattivi mill-awditur estern tal-UE.

Minħabba l-bażi ġuridika għall-proposta tal-Kummissjoni, huwa obbligatorju li l-QEA tiġi kkonsultata; għalhekk il-Kunsill kiteb lill-QEA biex jitlob il-fehmiet tagħha.

L-Opinjoni Nru 9/2020 tal-QEA li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili hija attwalment disponibbli fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu bl-Ingliż; lingwi oħra jkun disponibbli f'qasir żmien.

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa għal din l-opinjoni

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502